# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 15 ta’ Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 31**

**Citaz. Nru. 1828/97GV**

Doc. 152-01

**Martin, John u Frederick ahwa Testaferrata De Nota**

**vs**

**Anthony Cassar Desain u b’digriet tas-16 ta’ Frar, 2001 stante l-mewt tal-imsemmi Anthony Cassar Desain l-atti gew trasfuzi f’isem Mark, Jason u Rachel ahwa Cassar Desain kif rapprezentati mill-Prokuratrici ommhom Vivian armla ta’ Anthony Cassar Desain, u ghall-interess li jista’ jkollhom Michael, Anne mart Mario Said, Christine mart Carmelo Delia, Veronica mart Bernard Von Brockdorf ahwa Cassar Desain u Veronica mart Bernard Von Brockdorf nominata b’digriet tal-1 ta’ Settembru, 1997 bhala kuratrici deputata biex tirrapprezenta l-assenti Lawrence Cassar Desain u bl-istess digriet tal-1 ta’ Settembru, 1997, Carmel sive Lino Delia gie nominat kuratur deputat biex jirrapprezenta lil assenti Natalia mart Paul Savill u Rosemarie mart Lawrence Sevitt**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi Giuseppe Giacomo Testaferrata halla l-primagenitura Testaferrata lil huh Mario Testaferrata b'testment tal-14 ta' Marzu, 1799 fl-atti tan-nutar Cristofero Frendo, u tah il-fakolta li jinnomina lil min irid mill-vokati msejha ghal din il-primagenitura maskolina u li jibdel l-ordni u r-regoli dwar is-successjoni tal-primagenitura.

Premess illi Mario pprevalixxa ruhu minn tali fakolta u ghamel tlett kodicilli fl-atti tan-nutar Cristofero Frendo: wiehed fil-25 ta' Novembru, 1810, iehor fit-28 ta'Jannar, 1812 u l-iehor fid-19 ta' Novembru, 1812 fejn f'dan l-ahhar kodicill Mario ried lill-ordni tas-successjoni fil-primagenitura tkun dejjem dik imsemmija fil-kodicill tal-25 ta' Novembru, 1810 u ghandu jigi osservat ezattament. Giuseppe Giacomo miet fl-1801 u Mario miet fl-1813.

Premess illi l-fondazzjoni tal-primagenitura Testaferrata hija dik modifikata min Mario Testaferrata fil-kodicill tieghu tal-25 ta' Novembru, 1810 sakemm tali modifika kienet entro l-limiti tal-fakolta li tah huh Giuseppe Giacomo fil-fondazzjoni.

Premess li Mario Testaferrata kellu tlett subien: Giuseppe, Lorenzo, u Filippo u erbat ibniet peress li Mario bidel u kiser l-ordni tal-vokati msejha ghal din il-primagenitura nqalghu kwestjonijiet bejn ulied Mario u giet promossa kawza li giet definita fi grad ta' Appell fil-15 ta' Settembru, 1823 fejn kien deciz li t-tlett kodicilli msemmija li ghamel Mario kienu validi. Il-primagenitura kellha tmur l-ewwel fil-linja maskili biss ta' Lorenzo, wara tmur fil-linja maskili biss ta' Filippo, mbaghad tmur fid-dixxendenza ta' Giuseppe skond il-kodicill tal-25 ta' Novembru, 1810 li kellu f'kull kaz jirregola l-ordni tas-succesjoni fil-primagenitura u l-Qorti stabbilit li kien lecitu ghal hadd li jibdel il-primagenitura maskolina ta' Giuseppe Giacomo Testaferrata f'wahda konjata.

Premess illi l-primagenitura marret l-ewwel fil-linja ta' Lorenz, l-ewwel linja msejha minn Mario, u dan peress lid-dixxendenza maskili ta' Lorenzo giet estinta meta l-ahhar vokat Lorenzo Antonio miet bla tfal fl-4 ta' Gunju, 1939. Il-primagenitura kellha tmur ghand il-vokat li jmiss.

Premess li fid-dixxendenza ta' Filippo t-tieni linja msejha minn Mario, Richard Cassar Desain kien rebah il-primagenitura Viani. Bl-appell tal-Privy Counsil tal-20 ta' Jannar, 1925.

Premess li skond il-kodicill tal-25 ta' Novembru, 1810 Mario Testaferrata kien iddispona li f'kaz li l-primagenitura Testaferrata u xi primagenitura ohra jigu t-tnejn fid-dixxendenza ta' wiehed mit-tfal ta' l-istess Mario biex hekk qatt ma jigi li jmorru ghand persuna wahda, il-primagenitura l-ohra tltgawda mill-Prlmogenito u d-dixxendenza tieghu u l-primagenitura Testaferrata titgawda mis-Secondogenito u d-dixxendenza tieghu.

Premess li James twieled fl-1907 kien il-primogenito ta' Richard Cassar Desain li miet fil-21 ta' Lulju, 1927. Peress li Philip kien is-secondogenito ta' Richard, twleled fl-1908 u miet guvni bla tfal fit-22 ta' Lulju, 1927, dixxendenti tas-Secondogenito ma kienx hemm, u ghaldaqstant id-dixxendenza ta' Filippo bin Mario Testaferrata msejha ghall-primagenitura Testaferrata kienet estlnta, u l-primagenitura kellha tmur ghand il-vokat li jmiss fid-dixxendenza ta' Giuseppe.

Premess li Giuseppe kien l-ahhar vokat maskili tal-primagenitura Testaferrata, il-primagenitura kellha tidhol fid-dixxendenza ta' Vincenza, it-tifla l-kbira ta' Giuseppe, li kienet il-linja msejha li jmiss wara li giet estinta l-linja maskili vokata tat-tfal subien ta' Mario Testaferrata.

Premess li Vincenzo kien is-secondogenito ta' Federico li miet fl-1935, waqt li Francesco l-primogenito ta' Federico, miet guvni fl-ewwel ta' Mejju, 1939, u dan

l-istess Federico kien dixxendent minn maskju ghal maskju u minn primogenito ghal primogenito minn Vincenza.

Premess li fl-1946 Vincenzo Testaferrata de Noto klen ippromwova kawza biex jiehu il-possess tal-primagenitura Testaferrata b'esitu negattiv, ghax kien ghadhom jeziztu maskji anjatici fil-linja ta' Filippo, ghad ma kienx lok lill-primagenltura, li hi saltwarja u mhux regolari, tmur fid-dixxendenza ta' Giuseppe, liema kawza kienet giet deciza fuq in-nuqqas tal-legittimu kontradittur f'dik il-kawza u l-merltu ma giex deciz, u peress li l-atturi huma l-eredi ta' l-istess Vincenzo Testaferrata de Noto, u l-azzjoni hija preskrivibbli bid-dekors ta' erbghin sena skond l-artiklu 2144 tal-Kodici Civili.

Premess li George, it-tielet u l-ahhar tifel ta' Richard miet guvni fil-15 ta' Settembru, 1981, u ghalhekk Id-dixxendenza maskili uitragenjali ta' Richard giet estinta;

Premess li bl-Att XII tal-1950 dwar ll-Helsien ta' Gid marbut b'fedekommess, nofs il-gid marbut isir hieles u jmur ghand l-imsejjah skond il-fondazzjoni tal-fedekommess ta' dak ii-gid wara l-mewt tal-possessur izda suggetta ghad-dgawdIja ghal hajtu mill-possessur;

Premess li l-konvenut, It-tifel ta' James Cassar Desain li miet fl-4 ta' Frar, 1958 baqa' fil-pussess tal-primogenitura Testaferrata kontra l-fondazzjoni taghha.

Premess li tali nofs il-primogenitura ghalhekk kellha tghaddi ghand il-vokat skond il-fondazzjoni li hu fil-linja ta' Vincenzo Testaferrata de Noto.

L-atturi talbu li din il-Qorti tiddikjara:

1. illi n-nofs tal-fondazzjoni Testaferrata maghmula minn Giuseppe Giacomo

Testaferrata, u skond kodicill ta' Mario Testaferrata tal-25 ta' Novembru, 1810 jappartjenl lill-atturi ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota l-ohra ta' Eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Cassar Desain a fol. 24 tal-process fejn eccepixxa:

1. fl-ewwel lok l-atturi ma ghandhomx '*locus standi*' f'din l-azjoni u dippju' lanqas ma ghandhom interess guridiku;

2. sekondarjament ir-'*res judicata'* gala-darba gia' gie stabbilit b'sentenza tal-11 ta' Awissu, 1948 illi missier l-eccipjenti in-Nobbli Markiz James Cassar Desain, huwa rivestit bl-ahjar titolu u kwalitajiet mehtiega ghall-pussess tal-primogenitura *de quo* u li ssucceda fil-beni kollha primogenjali mill-gurnata ta' l-ahhar possessur, Lorenzo Testaferrata;

3. fit-tielet lok l-azjoni attrici hi prerskritta ai termini tal-Artikolu 2144 tal-Kodici Civili;

4. f'kull kaz it-talba attrici hija insostenibbli galadarba il- primogenitura hekk fondata hija maskolina u anjatika u l-atturi jiddexxendu permezz ta' mara, kif minnhom stess mistqarr. Inoltre, u kuntrarjament ghal dak pretiz mill-atturi, il-linja maskili vokata tat-tfal subien ta' Mario Testaferrata ghadha ma gietx estinta, kif ga' *del resto* gie stabbilit bil-precitata sentenza;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Veronica mart Bernard von Brockdorff a fol. 33

tal-process fejn eccepiet:

.

1. in linea preliminari l-atturi ma ghandhomx '*locus standi*' u lanqas interess guridiku biex jippromwovu l-azzjoni minnhom intavolata;

2. fit-tieni lok ir-'*res judicata*';

3. fit-tielet lok l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2144 tal-Kapitolu 16;

4. f'kull kaz it-talba attrici hi insostenibbli fil-fatt u fid-dritt stante li l-atturi ma ghandhomx jeddijiet fuq il-beni formanti parti mill-primogenitura maskolina u anjatizzja;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjoni ta' Anne mart Mario Said et a fol. 39 tal-process fejn eccepew:

1. in linea preliminari l-atturi ma ghandhomx *locus standi* u lanqas interess guridiku biex jippromwovu l-azzjoni minnhom intavolata;

2. fit-tieni lok ir-*res judicata;*

3. fit-tielet lok l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2144 tal-Kapitolu16;

4. f'kull kaz it-talba attrici hi insostenibbli fil-fatt u fid-dritt stante li l-atturi ma ghandhomx jeddijiet fuq il-beni formanti parti mill-primogenitura maskolina u anjatizja;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjoni ta’ Michael Cassar Desain a fol. 45 tal-process fejn eccepixxa:

1. in linea preliminari l-atturi ma ghandhomx *locus standi* u lanqas interess guridiku biex jippromwovu l-azzjoni minnhom intavolata;

2. fit-tieni lok ir-*res judicata;*

3. fit-tielet lok l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2144 tal-Kapitolu16;

4. f’kull kaz it-talba attrici hi insostenibbli fil-fatt u fid-dritt stante li l-atturi ma ghandhomx jeddijiet fuq il-beni formanti parti mill primogenitura maskolina u anjatizja;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 24, 33, 39 u 45;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara li n-nofs tal-fondazzjoni Testaferrata maghmula minn Giuseppe Giacomo Testaferrata u skond kodicilli ta' Mario Testaferrata tal-25 ta' Novembru, 1810, jappartjeni lill-atturi.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li l-atturi m'ghandhomx *locus standi* f'din l-azzjoni u *di piu* lanqas m'ghandhom interess guridiku; sekondarjament ir-*res judicata* billi gie stabilit b'sentenza tal-11 ta' Awissu, 1948 li missier l-eccipjenti, in-Nobbli Markiz James Cassar Desain, huwa rivestit bl-ahjar titolu u kwalitajiet mehtiega ghall-pussess tal-primogenitura *de quo* u li ssucceda fil-beni kollha primogenjali mill-gurnata ta' l-ahhar possessur, Lorenzo Testaferrata; l-azzjoni attrici hija preskritta a termini ta' l-artikolu 2144 tal-Kap. 16; f'kull kaz it-talba attrici hija insostenibbli billi l-primogenitura hekk fondata hija maskolina u anjatika u l-atturi jiddixxendu permezz ta' mara, kif minnhom stess mistqarr. Inoltre, u kontrarjament ghal dak pretiz mill-atturi, l-linja maskili vokata tat-tfal subien ta' Mario Testaferrata ghadha ma gietx estinta, kif *del resto* gie stabbilit bil-precitata sentenza.

**PROVI**

**L-attur Martin Testaferrata de Noto** xehed li hu t-tifel ta' Vincenzo. Hu spjega kif, skond hu, din il-primogenitura waslet ghand l-atturi u dana kwantu ghan-nofs minhabba l-emenda fil-ligi li kien hemm dwar il-fedekommess indivizibbli. Fuq kontroezami wiegeb li minn meta miet Lorenzo, fin 1939, James Cassar Desain kien dahal minfloku. Minn dak iz-zmien l-hawn huma ma ressqu ebda pretenzjoni dwar dina l-primogenitura. Missieru kien jiddixxendi ex femmina minn naha ta' Vincenza dei baroni Testaferrata Viani.

**Anthony Cassar Desain** xehed li hu bin il-Markiz James Cassar Desain u hu l-kbir fost is-subien. Missieru miet fin-1958 u hu u hutu saru s-successuri tieghu. Missieru kellu nofs il-beni tal-primogenituri Testaferrata, Testaferrata Viani u Cassar Desain. Kwantu ghall primogenitura ta' Testaferrata Viani kien hemm kawza fil-1923 li spiccat fil-Privy Council u giet deciza fin-1925. F'dik il-kawza n-nannu Riccardo Cassar Desain gie dikjarat li kellu dritt ghall-primogenitura ta' Testaferrata Viani. Kwantu ghall primogenitura Testaferrata, mertu ta' dina l-kawza, skond sentenza tal-1948 gie dikjarat li missieru kien vestit bir-rekwiziti kollha u bl-ahjar titolu ghall-pussess tal-primogenitura in kwistjoni u ghas-successjoni tal-beni kollha primogenjali mill-gurnata tal-mewt ta' l-ahhar pussessur cioe' Lorenzo Testaferrata, l-buznannu tieghu. B'decizjonji ohra tal-1946 kien gie deciz mill-Qrati li missier l-atturi ma kienx irnexxilu jipprova illi l-linja tal-maskji anjatici kienet estinta billi ghaliha kien ghandu msejjah missieru James bil-kwalita' shiha kif kien originarjament stabilit mill-fidekomittent. Meta twieled hu (il-konvenut) fin-1938, skond l-istat tal-ligi kif kienet dak iz-zmien, mat-twelid tieghu n-nofs tal-primogenitura ghadda fuqu, mentri n-nofs l-iehor baqa' fuq missieru. Fin-1950 ghadda l-Att X11 imsejjah "Helsien mill-Vinklu ta' gid marbut b'fedekommess" u bis-sahha ta' dina l-ligi, mal-mewt ta' missieru fin-1958 in-nofs sehem mill-primogenitura li kien f'idejn missieru, ghadda fuq uliedu kollha f'ishma ugwali u m'ghadditx ghandu biss, kif kien ikun il-kaz kieku l-ligi ma tbiddlitx. Illum hu ghandu n-nofs tieghu bi dritt tal-primogenitura, u wiehed minn tmienja parti tan-nofs bhala sehemu mill-eredita' ta' missieru. L-atturi m'ghandhomx dritt ghall pretensjoni taghhom billi missierhom kien jiddixxendi mill-linja primogenjali ta' Giuseppe Testaferrata, primogenitu ta' hu l-fondatur, pero' jiddixxendi minn mara cioe' Vincenza Testaferrata Viani, u ghalhekk eskluz billi l-primogenitura kienet wahda maskolina u anjatika. Minn 1939 l-hawn il-beni kollha tal-primogenitura provenjenti mill-fondatur ghaddew fil-pussess ta' missieru u wara mewtu sehemu ghadda fuqu u fuq hutu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

***Res Judicata***

B'riferenza ghall-eccezzjoni tal-konvenuti rigwardanti r-*res judicata*, l-atturi qed jissottomettu li f'kwistjonijiet ta' primogenitura ma tqumx il-kwistjoni tar-*res judicata* u f'dan il-kuntest huma ghamlu riferenza ghas-sentenza riportata fil-Vol. 22 p. 1 p. 134 fl-ismijiet Not. G. A. Page vs Nob. R. Palermo Stagno Navarra Muscati Bonnici et altri.

Kwantu ghal dina s-sottomissjoni, s-sentenza Page vs Stagno Navarra, iddecidiet li "*la non comparizione di qualsiasi pretendente in un concorso sopra una primogenitura, maggiorasco, fedecommesso o benefizio non e' di ostacolo a che tale pretendente, in difetto di espressa giudiziale interpellazione, possa, in altro gudizzio, agire contro il vincitore, coi diritti che gli fossero competenti*." Il-Qorti tirrileva li s-sentenza imsemmija titkellem fuq *ius avocandi* u mhux fuq ir=*res judicata*. Fil-fatt missier l-atturi kien diga ghamel citazzjoni ghall istess fondazzjoni u kien tilifha u ghaddiet in gudikat. Is-sentenzi tan-1946 u 1948 kienu ddecidew li l-vokat ghall primogenitura kien James Cassar Desain u mhux missier l-atturi.

L-atturi issottomettew ukoll li fi kwistjoni tar-*res judicata* trid tkun bejn l-istess partijiet u fuq l-istess materja. Il-kwistjoni kollha bejn il-partijiet illum hija ghall kollox gdida u m'ghandha x'taqsam xejn mal-kawza li qed tigi kwotata mill-konvenuti. Huma qed jitolbu biss in-nofs tal-proprjeta' primogenjali minhabba l-Att X11 tan-1950.

Illi skond il-gurisprudenza

Huwa veru li biex jista' jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita' ta' l-oggett, imma din l-identita' ma hemmx bzonn li tkun assoluta basta jkun hemm l-identita'

fuq il-punt kontrovers jew l-oggett tat-tieni citazzjoni jidhol bhala parti integrali ta' l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni - Abela vs Fenech Vol. 32 p. 2 p. 244.

Hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anki meta l-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess - Borg vs Farrugia Vol. 36 p.1 p. 75.

Dwar l-identita' tal-haga mitluba, bhala wiehed mir-rekwiziti tal-gudikat, hu ammess li mhux necessarju illi l-identita' tkun assoluta u materjali, imma tibbasta l-identita' guridika…. cioe' jekk il-kwistjoni sollevata fit-tieni citazzjoni gietx deciza jew le fil-gudikat precedenti jew jekk dik is-sentenza hallitx dak il-punt impregudikat - Darmanin vs Micallef Vol. 37 p. 3 p. 900.

Il-konvenuti qed jibbazaw l-eccezzjoni taghhom fuq il-gudikat b' zewg sentenzi, wahda deciza fit-2 ta' Ottubru, 1946 fl-ismijiet Nob. Vincenzo de Marchesi Testaferrata de Noto vs A. Cachia Zammit noe (ara fol. 117 et seq. u fol. 156 et seq. tal-process) u l-ohra deciza fil-11 ta' Awissu, 1948 fl-ismijiet Illustrissimu u Wisq Nobbli Markiz James Cassar De Sain vs Nobbli Dr. V. Testaferrata Bonnici M.D. et (ara fol. 143 et seq.).

F'dina l-kawza l-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara li n-nofs tal-fondazzjoni Testaferrata maghmula minn Giuseppe Giacomo Testaferrata u skond kodicilli ta' Mario Testaferrata tal-25 ta' Novembru, 1810, jappartjeni lill-atturi minhabba l-provvedimenti ta' l-Att X11 tan-1950 li jahseb ghall-helsien mill-vinklu ta' gid marbut b'*fedekommess*.

Illi meta nqatghet il-kawza tan-1948, l-Att X11 tan-1950 ma kienx ghadu dahal *in vigore* u ghalhekk dika l-kawza qatt ma setghet tiddeciedi dwar pretenzjonijiet li l-atturi seta' kellhom taht dak l-att kif issa qed jippretendu f'dina l-kawza li

ghandhom meta qed jitolbu li jigi dikjarat li nofs il-fondazzjoni Testaferrata tappartjeni lilhom minhabba dana l-att.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ghat-talba tal-atturi m'hemmx l-ostakolu tal-gudikat.

**Fondazzjoni Testaferrata**

Kwantu ghat-talba ta' l-atturi, l-Qorti taghmel riferenza ghaz-zewg sentenzi li gew kwotati dwar dina l-fondazzjoni.

Fl-ewwel kawza, dik tal-1946 kien gie deciz li :

Ghalhekk "*rebus sic stantibus*", galadarba ghad mhijiex estinta l-linja tal-maski anjati, dixxendenti f'linja retta minn hu l-fondatur, ghad ma hemmx lok, skond il-fondazzjoni, li ghandha tigi osservata "*ad unguem*", ghat-transitu tal-primogenitura "*de qua*" li hi saltwarja, u mhux regolari, fuq il-maski konjati, mentri l-attur hu "*maschio cognato*", salvi talvolta konsiderazzjonijiet ohra fuq proceduri, diversament regolati, jekk kemm il-darba "*ex loco et tempore*" jkun hemm lokhom (fol. 130 jew 195).

Fit-tieni kawza, dik tan-1948, dik il-Qorti kienet iddecidiet billi:

iddikjarat li l-attur hu in-Nobbli Markiz James Cassar Desain hu rivestit bl-ahjar titolu u kwalitajiet mehtigin ghall-pussess tal-primogenitura fuq imsemmija eretta minn Nobbli Kanoniku Sacerdot Dun Giuseppe Giacomo Testaferrata bit-testment solenni tieghu tal-14 ta' Marzu, 1799 miftuh u ppubblikat minn Nutar Dr. Cristoforo Frendo fil-15 ta' Ottubru, 1804 u li hu issucceda fil-beni kollha primogenjali

mill-gurnata tal-mewt ta' l-ahhar pussessur taghhom, l-imsemmi Lorenzo Testaferrata.

Is-sentenza tal-1948 taghmilha cara li n-Nobbli Markiz James Cassar Desain kellu l-ahjar titolu u kwalitajiet mehtigin ghall-pussess tal-primogenitura u mal mewt tieghu fil-1958 l-atturi ma kienux intitolati ghan-nofs il-primogenitura taht l-Att tal-1950 billi meta dahlet *in vigore* dika l-ligi kien diga deciz li missier l-atturi ma kienx *issucceda fil-primo genitura* ghax kien ghad hemm maski anjati dixxendenti in linea retta minn hu l-fondatur.

L-atturi ghamlu riferenza ghall-kuntratt ezibit tal-1961 Doc. ECD, fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel, u ssottomettew li fl-istess kuntratt il-Markiza E. Cassar Desain omm il-konvenut Anthony Cassar Desain, irrikonoxxiet li James Cassar Desain kellu biss dritt ghan-nofs il-proprjeta' tal-primogenitura u li ghall istess kien applikabbili l-Att X11 tan-1950.

Il-konvenut Anthony Cassar Desain xehed li meta twieled hu fin-1938, skond l-istat tal-ligi kif kienet dak iz-zmien, mat-twelid tieghu n-nofs tal-primogenitura ghadda fuqu, mentri n-nofs l-iehor baqa' fuq missieru. Fil-1950 ghadda l-Att X11u bis-sahha ta' dika l-ligi, mal-mewt ta' missieru fil-1958 in-nofs sehem mill-primogenitura li kien f'idejn missieru, ghadda fuq uliedu kollha f'ishma ugwali u m'ghadditx ghandu biss, kif kien ikun il-kaz kieku l-ligi ma tbiddlitx. Illum hu ghandu n-nofs tieghu bi dritt tal-primogenitura, u wiehed minn tmienja parti tan-nofs bhala sehemu mill-eredita' ta' missieru.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-atturi m'ghandhomx dritt ghan nofs il-fondazzjoni Testaferrata taht l-Att X11 tan-1950 billi fin-1938, nofs il-primogenitura kienet diga ghaddiet fuq l-konvenut Anthony Cassar Desain u n-nofs l-iehor fuq missieru.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjoni tal-gudikat, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**